**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 294/07VG**

**Il-Perit Michael Falzon kemm f'ismu proprio kif ukoll fil-kwalità tieghu bhala Chairman tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Joe Sammut u Frans Ghirxi fil-kwalità tieghu ta' Editur tal-gurnal L-orizzont**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors pprezentat mill-Perit Michael Falzon kemm f'ismu proprio kif ukoll fil-kwalità tieghu bhala Chairman tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma fit-18 ta' Settembru 2007 permezz ta' liema jitlob li Joe Sammut u Frans Ghirxi, dan ta' l-ahhar fil-kwalità tieghu ta' Editur tal-gurnal L-orizzont, jigu ikkundannati jhallsuh, kull wiehed jew min minnhom, is-somma ta' mhux izjed minn hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), illum ekwivalenti ghal €11,646.87, bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress li bl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta L-orizzont ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2007 intitolat "Konflitt Serju ta' Interess (KSI)", kopja ta' liema giet annessa mar-Rikors markata Dok. "MF1", huma jew min minnhom immalafamawh bil-ghan car li ttelfulu jew jnaqqsulu r-reputazzjoni tieghu, bl-ispejjez kontra Joe Sammut u Frans Ghirxi;

Rat id-dokument Dok. "MF1" anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Joe Sammut permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-attur u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) il-kitba in kwistjoni fiha fatti li jigu pruvati li *fair comment* fis-sens tal-Ligi; (ii) is-suggett mertu tal-kitba in kwantu jirreferi ghall-attur, kien suggett li fuqu inkiteb hafna fl-istampa u ssemma fil-mezzi l-ohra tax-xandir b'mod li kull diskussjoni fuqu u kull fehma murija saret materja ta' interess pubbliku;

(iii) l-attur, li kien u ghadu (fiz-zmien tal-prezentata tar-Risposta) jippresjedi korporazzjoni pubblika, ikopri kariga eminentement suggetta u miftuha ghall-iskrutinju tal-pubbliku. Fi kliem il-gudikat Lingens ta' l-ECHR, para. 41, il-kritika mhiex qieghda biss ghall-affarijiet *that are favourably received or regarded as inoffensive or as matter of indifference but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness with which there is no democratic society*;

Rat ir-Risposta tal-konvenut Frans Ghirxi permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-attur u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) hu semplicement offra spazju lill-opinjonista Joe Sammut biex juri fehemtu fuq suggett ta' importanza u li okkupa l-attenzjoni pubblika ghal gimghat shah fil-jiem li fih gie pubblikat l-artikolu u qaghad lura milli jesprimi xi fehma dwar il-kontenut; (ii) bhala gurnalista huwa ghandu mhux biss dritt imma sahansitra dmir li jzomm lill-pubbliku infurmat b'fatti u fehmiet dwar materji ta' interess pubbliku, bl-opinjonista jgorr ir-responsabilità ghal dak li jikteb, hekk kif provdut fid-Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Janet Bonnici v. Peppi Azzopardi et", moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2007; (iii) hu insenjament tal-gurisprudenza ta' l-ECHR illi l-politiku u min ikopri karigi pubblici, bhall-attur, Chairman ta' Korporazzjoni, huwa miftuh berah ghall-iskrutinju tal-pubbliku fl-operat tieghu mal-kairga li jkollu b'dana li tista' taqbel jew ma taqbilx mal-kritika li ssir u l-fehma espressa; (iv) fl-agir tieghu ma kien hemm ebda *animus injuriandi* u ebda *malice*;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Jannar 2008[1], ta' l-4 ta' Marzu 2008[2] u tas-17 ta' Frar 2011[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 18 tal-process u a fol. 22 sa' 29 tal-process, smeghet ix-xhieda ta' Antoine Galea moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2008[4], rat id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-2 ta' April 2008 markati Dok. "MF1" sa' Dok. "MF9" a fol. 30 sa' 127 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Joe Sammut moghtija waqt is-seduti ta' l-14 ta' Mejju 2008[5], tas-16 ta' Gunju 2008[6] u tat-12 ta' Mejju 2011[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 134 sa' 172 tal-process u a fol. 176 sa' 213 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut Frans Ghirxi moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2009[8] u x-xhieda tal-Ministru Austin Gatt moghtija waqt is-seduti tad-19 ta' Novembru 2009[9] u tas-7 ta' Ottubru 2010[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 249 sa' 266 tal-process u a fol. 276 sa' 286 tal-process, rat id-dokument, ossia

[1] Fol. 15 sa' 17 tal-process.
[2] Fol. 21 tal-process.
[3] Fol. 290 tal-process.
[4] Fol. 20 tal-process.
[5] Fol. 131 sa' 133 tal-process.
[6] Fol. 174 sa'175 tal-process.
[7] 297 sa' 296 tal-process.
[8] Fol. 238 u 239 tal-process.
[9] Fol. 246 sa' 247 tal-process.
[10] Fol. 287 tal-process.

estratt mill-gazzetta The Times tal-31 ta' Ottubru 2007 esebit mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fit-12 ta' Mejju 2011 a fol. 292 tal-process;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 301 sa' 309 tal-process u rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut Joe Sammut u d-dokumenti annessi maghha a fol. 315 sa' 415 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur, f'ismu proprio kif ukoll bhala Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma (kariga li kien ikopri fiz-zmien tal-prezentata ta' dawn il-proceduri), jitlob li l-konvenuti jew min minnhom jigu ikkundannati jhallsuh somma li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), illum ekwivalenti ghal €11,646.87, bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi bl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta L-orizzont ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2007 intitolat "Konflitt Serju ta' Interess (KSI)", immalafamawh bil-ghan car li ttelfulu jew jnaqqsulu ir-reputazzjoni tieghu.

Il-konvenut Joe Sammut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) il-kitba in kwistjoni fiha fatti li jigu pruvati li *fair comment* fis-sens tal-Ligi; (ii) is-suggett mertu tal-kitba in kwantu jirreferi ghall-attur, kien suggett li fuqu inkiteb hafna fl-istampa u ssemma fil-mezzi l-ohra tax-xandir b'mod li kull diskussjoni fuqu u kull fehma murija saret materja ta' interess pubbliku; (iii) l-attur, li kien u ghadu (fiz-zmien tal-prezentata tar-Risposta) jippresjedi korporazzjoni pubblika, ikopri kariga eminentement suggetta u miftuha ghall-iskrutinju tal-pubbliku. Fi kliem il-gudikat Lingens ta' l-ECHR, para. 41, il-kritika mhiex qieghda biss ghall-affarijiet *that are favourably received or regarded as inoffensive or as matter of indifference but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness with which there is no democratic society.*

Il-konvenut l-iehor Frans Ghirxi jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) hu semplicement offra spazju lill-opinjonista Joe Sammut biex juri fehemtu fuq suggett ta' importanza u li okkupa l-attenzjoni pubblika ghal gimghat shah fil-jiem li fih gie pubblikat l-artikolu u qaghad lura milli jesprimi xi fehma dwar il-kontenut; (ii) bhala gurnalista huwa ghandu mhux biss dritt imma sahansitra dmir li jzomm lill-pubbliku infurmat b'fatti u fehmiet dwar materji ta' interess pubbliku, bl-opinjonista jgorr ir-responsabilità ghal dak li jikteb, hekk kif provdut fid-Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Janet Bonnici v. Peppi Azzopardi et", moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2007; (iii) hu insenjament tal-gurisprudenza ta' l-ECHR illi l-politiku u min ikopri karigi pubblici, bhall-attur, Chairman ta' Korporazzjoni, huwa miftuh berah ghall-iskrutinju tal-pubbliku fl-operat tieghu mal-kairga li jkollu b'dana li tista' taqbel jew ma

taqbilx mal-kritika li ssir u l-fehma espressa; (iv) fl-agir tieghu ma kien hemm ebda *animus injuriandi* u ebda *malice*.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezzjonijiet li ghandhom jigu kkunsidrati huma l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Frans Ghirxi u cioè l-eccezzjoni li *qua* editur tal-gurnal L-orizzont semplicement offra spazju lill-opinjonista Joe Sammut biex juri fehemtu fuq suggett ta' importanza u li okkupa l-attenzjoni pubblika ghal gimghat shah fil-jiem li fih gie pubblikat l-artikolu u qaghad lura milli jesprimi xi fehma dwar il-kontenut u l-eccezzjoni li fi kwalunkwe kaz, *qua* gurnalist ghandu mhux biss dritt imma sahansitra dmir li jzomm lill-pubbliku nfurmat b'fatti u fehmiet dwar materji ta' interess pubbliku, bl-opinjonista jgorr ir-responsabilità ghal dak li jikteb, hekk kif provdut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Janet Bonnici v. Peppi Azzopardi" moghti fis-26 ta' Ottubru 2007.

Jibda biex jigi osservat li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li fiz-zmien in kwistjoni, ossia meta l-artikolu miktub mill-konvenut Joe Sammut intitolat "Kunflitt Serju ta' Interess (KSI)" gie pubblikat fil-gurnal L-orizzont fil-harga tas-17 ta' Settembru 2007, il-konvenut Frans Ghirxi kien l-Editur ta' l-imsemmi gurnal[11]. Lanqas ma ghandu jkun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjoni ghad-danni minhabba malafama a tenur ta' l-Artikolu 28 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, tista' tigi istitwita anke kontra Editur kif imfisser fl-Artikolu 2 ta' l-Att in kwistjoni. Stabbiliti dawn il-punti l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Frans Ghirxi ma humiex gustifikati u b'hekk ma jishoqqx li jigu milqugha.

Ghalkemm l-artikolu in kwistjoni inkiteb mill-konvenut l-iehor Joe Sammut, jibqa' ferm il-principju li l-Editur, ta' gurnal f'dan il-kaz, jibqa' **dejjem responsabbli** ghall-kontenut ta' arikolu pubblikat fil-gurnal tieghu anke jekk ma jkunx qara dak l-artikolu[12] u/jew huwa personlament ma jkun esprima l-ebda fehma fir-rigward ta' l-artikolu innifsu jew tas-suggett fih trattat. Ghalkemm l-Editur ta' gurnal, indipendentement mill-fatt jekk di professjoni huwiex gurnalist o meno, ghandu d-dover u d-dmir li jzomm lill-pubbliku infurmat dwar fatti li huma ta' interess pubbliku, huwa ghandu daqstant iehor id-dmir u u d-dover li jirregola dak li jigi pubblikat fil-gurnal tieghu u b'hekk ma jistax jixhet ir-responsabilità ghal kwalunkwe malafama li tista' tirrizulta minn artikolu pubblikat fil-gurnal esklussivament fuq l-artikolist u/jew opinjonist.

Trattati l-kwistjonijiet nascenti mill-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Frans Ghirxi, liema eccezzjonijiet jigi ribadit ghandhom jigu michuda, jehtieg issa jigi stabbilit jekk l-artikolu miktub mill-konvenut Joe

[11] Dok. "MF9" a fol. 127 tal-process.
[12] Dr. Andrew Borg Cardona v. Joseph S. Abela et, Citaz. Nru. 1311/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 2002.

Sammut intitolat *Konflitt Serju ta' Interess (KSI)*, pubblikat fil-harga tal-gurnal L-orizzont ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2007, huwiex malafamanti fil-konfront ta' l-attur, li fiz-zmien in kwistjoni kien ikopri l-kariga ta' Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, kif pretiz mill-istess attur jew inkella le, kif affermat minn entrambe l-konvenuti.

L-artikolu in kwistjoni jittratta dwar polemika li kienet inqalghet fiz-zmien antecedenti ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess artikolu bejn il-Ministru Austin Gatt, *qua* il-Ministru ghall-Investiment, Industrija u t-Teknologija ta' l-Informazzjoni, taht min kienet taqa' l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, u l-attur, Chairman ta' l-istess Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, fir-rigward ta' *cost over-runs* vis-a-vis diversi progetti li kienu jaqghu taht il-Korporazzjoni **u** dwar dak li in segwitu gara u hareg fil-kuntest ta' tali polemika, b'mod partikolari l-fatt li l-attur kellu – fl-istess zmien meta kien Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma – *business interests* ma' Polidano Group, li hadet diversi progetti li kienu jaqghu taht il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, fosthom dak tat-tisfija tad-drenagg fil-Mellieha, dwar liema *business interests* l-attur qatt ma informa lill-Bord tal-Korporazzjoni.

L-artikolu in kwistjoni huwa wiehed piuttost twil u jikkritika u jattakka l-operat u l-agir ta' diversi nies oltre l-attur innifsu izda, mix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008[13] u mill-original ta' l-artikolu in kwistjoni esebit a fol. 18 tal-process jirrizulta li s-siltiet li skontu huma malafamanti fil-konfront tieghu huma s-segwenti: *Kienu, u huma, tnejn id-dnubiet li wettaq Falzon tul dawn il-hames snin shah. L-ewwel li dahal f'negozju ma' persuna li qatt ma kellu jissieheb maghha. Mhux ghax fallut jew m'ghandux flus. Ma nahsibx li c-cajt huwa parti minn dan l-argument. Imma ghax ic-Caqnu, b'wiehed mill-kpiepel li jilbes, permess tar-ruxmat kumpaniji li ghandu jew li ghandu interess fihom, kien u ghadu kompetitur ghal xoghlijiet u eventwalment beneficjarju ta' flus li taghti l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, li taghha Michael Falzon, siehbu fin-negozju, kien u ghadu Chairman. It-tieni, li kellu d-dover sagrosant li immedjatament jinforma lill-Bord tal-Korporazzjoni u lill-Ministru dwar din ir-relazzjoni. Haga li mhux talli m'ghamlix, talli ghamel biss xi tlett gimghat ilu. U allura madwar, bejn wiehed u iehor, hames snin tard. Sadanittant, f'dan il-perijodu, is-sieheb fin-negozju ta' Michael Falzon, Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, cjoe ic-Caqnu, ibbenefika ruhu minn kuntratti mill-istess Korporazzjoni, inkluz, issa maghruf, dak tat-tisfija tad-drenagg fic-Cummnija, limiti tal-Mellieha. ... Naturalment, l-'issue' principali tal-Ministru Gatt fid-difiza tieghu ta' Falzon, hija marbuta mal-fatt li l-ammonti huma 'redikoli'. Din hija serjissima. Mela konflitt ta' interess qatt jista' jkun marbut ma' xi ammont!!! Konflitt ta' interess jibda mill-ewwel centezmu u jibqa' sejjer sa' l-ahhar wiehed. Naturalment, al-bar l-ammont, akbar il-konflitt. Akbar il-konsegwenzi. Niftakar storja li kont segwejtha snin ilu. Zaghzugh kien gie kkundannat sitt xhud habs effettivi ghax kien seraq*

[13] Fol. 15 sa' 17 tal-process.

*curkett tad-deheb finta minn fuq il-Monti. Ma kienx jiswa hames xelini. Imma l-Qorti ma kinitx ikkundizzjonata mill-valur. Hames xelini u mhux hames xelini, iz-zaghzugh zbalja. U ta' dan kellu jaghti kont. Kellu kont miftuh mas-socjetà li ried jaghlqu. L-ammont ma jfisser assolutament xejn. … U ghalhekk dik li kellha tkun strategija intelligenti jew 'smart' kif ihobbu jahsbu li huma dawk madwar il-gvern ta' Gatt, spiccat 'boomerang' li umiljat, irredikolat u rridimensjonat lil Gatt innifsu. Tant li biex minghalih jurina kemm hu 'smart', il-Ministru Gatt ippubblika l-lista ta' kuntratti kollha biex jurina li l-kumpanija tac-Caqnu hadet biss kuntratti ta' ftit aktar minn terz ta' miljun lira, izda konvenjentement heba l-kuntratt il-kbir dwar l-impjant tat-tisfija tad-drenagg. Minn din l-istorja ta' l-impjanti tat-tisfija tad-drenagg qeghdin johorgu litteralment intejjen kbar, bhalma hemm fil-bahar tal-Balluta llum, fejn xi snin ilu meta kien ministru responsabbli mid-drenagg, Michael Falzon mar jitbahbah biex jurina kif kien solva din il-problema. Illum ghaxieren ta' snin wara bqajna bl-istess problema ghas-semplici raguni li baqghu l-istess nies imexxu. Izda mid-drenagg qed tohrog ukoll riha qawwija ta' kunflitt ta' interess. Gonzi ihobb hafna jghid li xejn ma jigri f'kumbinazzjoni. Ghandu mija fil-mija ragun. Ara tahsbu li hi kumbinazzjoni li kull progett ta' dan il-Gvern ikollu 'overruns' sostanzjali fin-nefqa. Li kieku grat darba, tnejn jew tlieta, wiehed jista' jahseb li n-Nazzjonalisti huma inkompetenti. Izda li tigri f'kull progett ma jistax ikun sinjal biss ta' inkompetenza, izda aktar minn hekk hu sinjal ta' prezenza qawwija ta' konflitti ta' interessi li minnhom qeghdin igawdu ftit nies tal-qalba. Ha nkun aktar car. Ta' favuritizmu. Ta' nhokklok dahrek u int hokkli dahri. L-istorja faqqset fil-berah, minhabba li Ministru haseb li huwa 'smart' u jista' jahtaf fi ftit taz-zmien iehor il-gvern ta' Gonzi wkoll, hi wahda minn sensiela kbar ta' konflitti ta' interess li kkaratterizzaw dan il-gvern ta' Gonzi. U li qed twassal ghal pizijiet dejjem akbar ta' taxxi fuq il-poplu Malti biex klikka zghira ta' nies tahtaf il-miljuni ta' liri. Issa li zmien il-kontijiet wasl fil-qrib nistennew biss li dawn il-ftit nies jipprovaw dejjem jahtfu aktar, qabel ma l-poplu jwarrabhom 'l hemm. Illum qabel ghada.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008[14], l-attur spjega ghaliex hass li dan l-artikolu u b'mod partikolari s-siltiet hawn appena citati huma malafamanti fil-konfront tieghu. Fir-rigward huwa ddikara li: *nixtieq nghid li l-konvenut Joe Sammut f'dan l-artikolu tieghu jghid li kien hemm konflitt ta' interess li l-kariga tieghi ta' Chairman fil-Korporazzjoni u l-fatt li l-kumpanija tieghi ghandha sehem minn kumpanija ohra li fiha ghandu sehem ukoll il-kumpanija ta' Polidano. Nixtieq nghid li l-kuntratt ta' tisfija ta' drenagg li qed isir il-Mellieha inghata lill-Konsorzju bejn kumpanija Taljana u bejn il-kumpanija ta' Polidano Group … Polidano Brothers. Nixtieq nghid li jien m'ghandi l-ebda interess la dirett u lanqas indirett mal-Consortium li ha dak il-kuntratt. Il-kumpanija li jien ghandi sehem fiha hija sid ta' bicca art li xtratha ghall-izvilupp. … Jien ghandi sehem indiviz ta' kwart filwaqt li l-kumpanija ta' Polidano jekk m'inix sejjer zball jisimha Polidano Properties*

[14] Fol. 15 sa' 17 tal-process.

*Limited u ghandha kwart iehor. In-nofs l-iehor jappartjeni lil terzi. Nixtieq nghid li l-Partit Laburista ghal ragunijiet politici pprova jaghmel montatura fis-sens li din ir-relazzjoni li jiena ghandi ma' din il-kumpanija ta' Polidano hija konflitt ma' decizjoni li setghu gew mehuda mill-Korporazzjoni u irregistrat il-kuntratti lil Polidano. Nixtieq nghid li jiena ma kelli l-ebda sehem lanqas fl-ghazla ta' min jinghataw il-kuntratti. Nixtieq nghid li fil-Korporazzjoni hemm sistema rigida kif jinghataw il-kuntratti u nghid li lanqas ikolli ... fiha. Nixtieq nghid li dan il-kunflitt t'interess huwa wiehed immaginarju u hassejt li jiena ma kelli l-ebda obbligu sabiex ninforma lill-Board Members b'din il-partecipazzjoni tieghi li jiena, cioè ghandi sehem fis-socjetà Fourfold Company Limited ghaliex inhoss li jiena kien ikolli dan l-obbligu kieku kelli xi interess dirett jew indirett fil-kuntrattur li ha dan il-kuntratt li effettivament ma ghandix. Sussegwentement minn din il-premessa falza l-kuntrattur jibni serje ta' kummenti kif ukoll li hemm numru ta' allegazzjonijiet ukoll fil-konfront tieghi. Qed naghmel referenza issa ghat-tieni kolonna ta' dan l-artikolu li jibda 'naturalment l-issue principali tal-Ministru Gatt...'. Nghid li fil-fehma ta' l-awtur il-Ministru Gatt iddefenda lili ghaliex qal li l-ammont ta' kuntratti li ha Polidano minghand il-Korporazzjoni huma ridikoli. Nixtieq nghid li din ukoll hija montatura ... rigwardanti l-kummenti tal-Ministru ghaliex il-Ministru kien qed iwiegeb lill-Kap ta' l-Oppozizzjoni. Il-Kap ta' l-Oppozizzjoni kien allega li l-maggoranza tal-kuntratti jmorru ghand Polidano u ghalhekk dak li qal il-Ministru ammonti ridikoli kien f'dak il-kuntest fejn kien qed iwiegeb ghal dak li kien qal l-Onorevoli Dr. Alfred Sant... Sussegwentement l-awtur jaghmel paragun bejn storja ta' zaghzugh li kien ghamel serqa u dan fis-sens illi l-akkuza fil-konfront tieghi hija wahda irrilevanti fis-sens li jekk tisraq ammont zghir u ammont kbir xorta hemm il-kwistjoni ta' serq. Nghid li fl-ahhar parti ta' l-artikolu ibda minn din l-istorja ta' l-ahhar dik li ghidt fl-ahhar paragrafu tar-raba' kolonna nghid li dik hija allegazzjoni fil-konfront tieghi li m'humiex veritjeri, li jaghtuni reputazzjoni kera. Jghid li minn din il-kwistjoni tat-tisfija tad-drenagg qeghdin johorgu litteralment intejjen kbar. Fhimt li l-kelma intejjen kienet sar xi haga underhand, mhux lecita li hija riflessjoni ghalija ghaliex wasal ghaliha wara li ghamel dawk l-allegazzjonijiet foloz qabel. Sussegwentement l-awtur jitkellem fuq l-over runs tal-kuntratti. 'Nghid li dawn ma jsirux b'kumbinazzjoni u lanqas ma jsiru b'inkompetenza nghid li dak li jsir huwa sinjal ta' presenza qawwija ta' konflitti ta' interess li minnhom ftit nies tal-qalba'. Dan ifisser li l-cost over runs li gew miktuba fil-kuntratt huma rizultat ta' kunflitt ta' interessi tieghi. Imbaghad jikkonkludi bil-kliem favoritizzmu fis-sens li nhokklok daharek u thokkli dahari. B'hekk ried ifisser illi jiena ghamilt favoritizmu sabiex nivvinta cost over runs ghaliex hemm konflitt ta' interess immaginarju. Nghid li l-awtur juza l-kelma cagassa li hija kelma negattiva u hadtha li kienet kumment ghalija fis-sens li jindika li jiena kont hati ta' xi htif ta' flus jew affarijiet jew jien ghamilt xi favoritizmu u dan m'huwiex minnu. Fil-fehma tieghi dawn huma allegazzjonijiet kollha li m'humiex sostanzjati.*

Il-konvenut jilqa' ghal din ix-xhieda u konsegwenti ilmenti ta' l-attur ghall-artikolu miktub minnu u pubblikat fil-harga ta' L-orizzont tas-17 ta' Settembru 2007 bil-mod segwenti: *nixtieq nghid li fis-17 ta' Awwissu tas-sena 2007 il-Perit Michael Falzon li kien Chairman tal-Water Service Corporation irrizenja mill-kariga tieghu li kien ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar disa' snin. Jirrizulta minn diversi rapporti fil-media li huwa kien irrizenja wara ittra li kienet giet miktuba mill-Ministru tieghu li kien l-Onorevoli Ministru Austin Gatt u dan xi hadd mill-Bord jiehu hsieb tal-... specjalment ta' zewg progetti partikolari. Kellu l-progett tad-drenagg t'Ghawdex u l-progett tal-Mellieha tac-Cumnija li huma progetti of millions of euros. Eventalment tlett ijiem wara l-Perit Falzon irtira r-rizenja tieghu, fil-21 ta' Awwissu 2007. Dan nonostante, il-media baqghet inondata b'ittri sabiex tara effettivament ghaliex kien irrizenja u rega' rtiraha. Dan ghaliex l-ittra originali tieghu kienet wahda cara u l-Ministru ma kellux iktar fiducja fih. Kien ghalhekk li kien tefa' r-rizenja tieghu. Il-kaz baqa' ghaddej. Il-Kap ta' l-Oppozizzjoni kellu intervista fis-26 ta' Awwissu u ghamel riferenza kbira ghal dan il-kaz. Milli jidher il-istorja ma kenitx kif kienet su due piedi. Sussegwentement hamest ijiem wara, fil-31 ta' Awwissu l-Perit Falzon rega' sar Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma u kiteb ittra f'The Times, awto-denuncja lilu nnifsu fejn qal li kien shab f'kumpanija ma' persuna li tiehu kuntratti mill-korporazzjoni stess, però ismijiet ma ssemmewx dakinhar. Il-media regghet hadet l-istorja minn hemmhekk. Baqghet ghaddejja b'diversi rapporti u ghalhekk hafna artikolisti w osservaturi kitbu fuq dan is-suggett u jiena ippikkjat dan is-suggett fil-15 ta' Settembru u cioè kwazi xahar wara li origina dan il-kaz. ... Nghid li l-Perit Falzon kien spiss fin-news tant li fit-8 ta' Settembru kelli naghmel complaint li ha precedenza fuq il-mewt ta' Pavarotti. Sussegwentement ghamilt ricerka ghas-site ta' l-internet ta' l-MFSA u dan peress li jiena awditur ghandi access ghalih dan is-site. Peress li ma kellnhiex ismijiet ta' liema huma l-kumpaniji, kelli bicca xoghol sabiex naghmel tfittxija fuq kull kumapnija. Fl-ahhar sibna li l-kumpanija kienet Fourfold Company Limited. Fiha hemm 25% tal-kumpanija tal-Perit Michael Falzon u 25% shareholding mill-kumpanija ta' Polidano Brothers. Fuq il-kumpanija ... kellha bhala segretarju l-Perit Michael Falzon stess, bhala judicial representative l-Perit Michael Falzon u l-indirizz tal-kumpanija ta' Michael Falzon. Wara li rrizultali dan jiena dhalt fl-istorja peress li kien hemm potential conflict of interest, anzi actual conflict of interest. Ikkummentajt b'mod li hassjet li l-pubbliku ghandu jkun jaf dan specjalment dwar il-fatt li l-assocazzjoni mal-kumpanija ta' Polidano, il-kumpanija ohra ta' Polidano kienet rebhet il-kuntratt tac-Cumnija tal-Mellieha, l-assocjazzjoni kienet ilha sejra mis-sena 2002 u l-Perit Falzon li kellu l-obbligu ... f'din l-assocjazzjoni jew interess ghal hames snin shah deher li ma jaghmilhiex. Ghalhekk jiena tkellimt minn dak l-angolu. Il-pubbliku ghandu perception li meta jkun hemm potential jew actual conflict of interest jidba jhoss li l-affarijiet ma jibdewx isiru bis-serjetà u jiena hassejt*

*li jien ghandi ngib dan ghall-interess tal-poplu. Fil-fehma tieghi huwa dritt tieghu li jkun jaf*[15].

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Citaz. Nru. 2448/00** deciza fid-9 ta' Ottubru 2002, u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 2005, dwar il-principji centrali u fondamentali u ormai assodati fis-sistema guridika nostrali f'materja ta' libell: *illi l-azzjoni ta' libell mahsuba fil-Kap.248 triq titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kienu mahsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi imxandar fil-gurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-harsien tal-fama ta' l-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali ta' l-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija ghalhekk azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f'kaz fejn l-unur u l-gieh ta' persuna jkunu gew imkasbrin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jinghad jew jigi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwistjoni, l-ghoti ta' rimedju li jinghata taht azzjoni bhal din qieghed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd ta' l-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-harsien mill-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'ghandux, b'riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, johonqu dan il-jedd ta' l-espressjoni hielsa. Illi l-jedd ta' l-espressjoni hielsa ... kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w ukoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jigbor fih il-jedd li kull persuna jkollha w izzomm fehmiet bla indhil minn hadd u li tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla ndhil. Minhabba li dan il-jedd igib miehgu dmirijiet u responsabbiltajiet, ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjetà demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti ta' l-ezercizzju tad-dritt ta' l-espressjoni hielsa ta' dak li jkun. Ma jistax ikun, ghalhekk, li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet. Illi t-tifsir moghti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'ghadd ta' kazijiet lill-imsemmija disposizzjonijiet tal-Ligi iqis, fost l-ohrajn u b'mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku hieles bhala wahda mis-sisien fejjieda ta' stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem gharaf bejn kritika li issir fil-konfront ta' persuna li hija mdahla fil-hajja pubblika (jew politika) u persuna li m'hijiex.* ***Illi l-libell b'xandira jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ccekken lill-persuna li ghaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b'implikazzjoni) fl-istima jew il-gieh tas-socjetà lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess socjetà, jew li tesponiha ghad-disprezz jew mibeghda taghha. Min-naha l-ohra, il-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahla fil-qasam pubbliku, ma ssirx***

[15] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2008, fol. 131 sa' 133 tal-process.

***minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun harxa u qawwija***[16]. *Minn dan johrog li l-ezami ewlieni li ghandu jaghmel il-gudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawzaw lill-persuna li ghaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'ghajnejn minn ikun qaraha jew semghaha. Tali "udjenza" ghandha tigi meqjusa bhala qarrejja ta' dehen noramli li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tieghu. Illi ghar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-ligi ta' l-istampa tittollera huwa aktar gholi, azzardat u wiesgha, u cirkoskritt biss minn prova ta' hazen jew infondatezza tal-fatti imsemmija jew mid-dicenza pubblika jew xilja ta' abidkazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. ... Il-principju ta' l-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwistjoni ta' l-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandha ssir dwar persuna involuta fil-hajja pubblika, ukoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku.* ***Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhalma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh, ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partiggana. Fil-qasam politiku, imbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna involuta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun "gust", ma taqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell***[17]. *Il-kwistjoni ta' kummenti li jitqiesu bhala "gusti" hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara.* ***Biex il-kumment ikun wiehed "gust" jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah. Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista' tregi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru, daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wiehed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed "gust". Kif jintwera li il-fatti imsemmija jkunu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel. Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tigi mistharrga trid titqieghed fl-isfond ta' l-attwalità u fil-qafas tac-cirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun***[18]. *Illi minkejja maz-zmien il-gurisprudenza zviluppat izjed favur il-libertà ta' l-Istampa, bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni hielsa bhala ghodda mehtiega ghall-izvilupp demokratiku tas-socjetà civili, ghadu principju ta'*

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

*dritt li l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama ta' persuna li lejha tkun diretta, baqghet censurabbli u milquta mis-sanzjonijiet tal-ligi.*

B'hekk mill-principji hawn appena citati fis-sustanza jirrizulta li sabiex l-eccezzjoni tal-*fair comment* sollevata mill-konvenut Joe Sammut effettivament tregi, jehtieg li jigi ppruvat minnu illi l-fatti fuq liema bbaza l-kummenti tieghu huma sostanzjalment veri[19]. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Joe Sammut irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li l-fatti fuq liema huwa bbaza l-artikolu tieghu u l-kritika kontenuta fih, huma sostanzjalment veri.

Li l-attur kien fiz-zmien in kwistjoni Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma huwa fatt inkontestat. Li l-attur kellu disgwid mal-Ministru Austin Gatt dwar *cost over runs* f'certu progetti li kienu qed isiru taht il-patrocinju tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma b'konsegwenza ta' liema disgwid l-attur kien ghall-ewwel offra r-rizenja tieghu mill-kariga imsemmija izda imbaghad irtira tali rizenja u rega' assuma l-kariga in kwistjoni, ukoll huma fatti inkontestati apparte l-fatt li l-konvenut ressaq bhala xhud lill-Ministru Gatt illi esebixxa dokumentazzjoni li turi li dak kollu riportat fl-artikolu in kwistjoni effettivament sehh[20]. Li fl-istess zmien li kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Water Services Corporation l-attur kellu *business interests* ma' socjetà ta' Charles Polidano, maghruf bhala ic-Caqnu, ukoll irrizulta fatt ippruvat mill-konvenut, u dana tramite diversi estratti mis-sit elettroniku tal-MFSA dwar, fost ohrajn, is-socjetà Fourfold Company Limited[21], kif ukoll gie kkonfermat mill-attur stess mhux biss fix-xhieda li ta tul dawn il-proceduri[22] izda anke f'artikolu miktub minnu intitolat *Innuendos and Allegations* li gie pubblikat fil-Malta Independent fit-2 ta' Settembru 2007[23]. Il-fatt li tul numru ta' snin, anke fiz-zmien meta l-attur kien ikopri l-kariga ta' Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, il-Grupp Polidano ippartecipa f'diversi *tenders* ghal kuntratti li kienu jaqghu taht il-Korporazzjoni w effettivament numru ta' kuntratti gew moghtija (*awarded*) lil dan il-Grupp u li l-valur komplessiv ta' dawn il-kuntratti gie deskritt bhala *medja redikola ta' Lm48,374 fis-sena* u bhala *medja redikola ta' Lm8,258 kull bicca xoghol*, jirrizulta minn stqarrija rilaxxta mill-Ministeru ghall-Investiment, Industrija u Teknologija in risposta ghal diversi allegazzjonijiet maghmula mill-Kap ta' l-Opposizzjoni, Dr. Alfred Sant, liema stqarrija giet esebita bhala Dok. "AG5" a fol. 265 tal-process. Il-fatt li dawn il-fatti huma ta' interess pubbliku u qajmu l-interess pubbliku ghandu jkun, anzi huwa wkoll ghal kollox inkontestat.

Huwa proprio in bazi ghal dawn il-fatti li huma mhux biss sostanzjalment veri izda attwalment veri, li l-konvenut Joe Sammut fassal il-kritika u kummenti tieghu fl-artikolu mertu ta' dawn il-proceduri. Kritika u kummenti mibnija fuq

[19] Vide wkoll Sharon Ellul Bonici v. Roberta Metsola Tedesco Triccas, Rik. Nru. 141/09 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ottubru 2012.
[20] Dok. "AG" sa' Dok. "AG6" a fol. 248 sa' 268 tal-process.
[21] Dok. "CSH2" a fol. 153 sa' 172 tal-process.
[22] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008, fol. 15 sa' 17 tal-process.
[23] Dok. "SH8" a fol. 196 tal-process.

kunflitt ta' interess li skontu l-attur kellu *qua* Chairman tal- Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, liema kunflitt ta' interess, dejjem skont l-istess konvenut Joe Sammut, kellu jigi indikat mill-attur lill-Bord tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, izda li ma sarx. Din il-kritika u kummenti huma kontestati mill-attur li jikkontendi li huwa ma kellu l-ebda obbligu li jinforma lill-Bord tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma dwar il-*business interests* tieghu ma' socjetà ta' Polidano ghaliex skontu ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' interess in kwantu l-iskrutinju tat-*tenders* u l-ghoti eventwali tal-kuntratti kien jaqa' taht kumitat partikolari li fih huwa ma kien bl-ebda mod involut[24].

Fid-dawl ta' dan jista' jinghad li l-kritika u l-kummenti tal-konvenut kif esposti fl-artikolu in kwistjoni huma mhux biss gusti izda addirittura fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa u b'hekk mhux malafamanti fil-konfront ta' l-attur? Ir-risposta ghal tali kwezit hija, fil-fehma tal-Qorti, fl-affermattiv.

Il-Qorti tqis li huwa legittimament pretiz f'gih il-principju ta' *good governance,* li membru ta' Bord ta' Korporazzjoni pubblika, inkluz ghalhekk, jekk mhux addirittura iktar u iktar, ic-Chairperson ta' dik il-Korporazzjoni, li ghandu *business interests* ma' persuna jew entità li tista' u bhala fatt bi frekwenza tippartecipa f'*tenders* mahruga minn dik l-istess Korporazzjoni jew li b'xi mod il-Korporazzjoni tkun involuta fihom u tinghata l-kuntratti relattivi, jiddikjara tali *business interests* lill-Bord, tenwi kemm huma tenwi l-*business interests* u irrispettivament minn jekk huwiex finalment direttament u personalment involut fil-process ta' l-ghazla u assenjazzjoni tal-kuntratt partikolari. Il-kunflitt ta' interess jissussisti mhux biss meta jkun attwali u dirett izda anke meta jkun potenzjali u possibbli u d-decizjoni jekk sitwazzjoni jew relazzjoni partikolari tistax o meno taghti lok ghal tali kunflitt ta' interess ma ghandhiex, fil-fehma tal-Qorti, tkun mehdua *a priori* mill-persuna involuta, imma se mai, u b'mod partikolari ghaliex hawn si tratta ta' enti pubblika, mill-membri tal-Bord in kwistjoni. Ghaldaqstant il-kritika u kummenti avvanzati mill-konvenut Joe Sammut fir-rigward ta' l-attur fl-artikolu in kwistjoni huma mhux biss gusti izda jaqghu pjenament entro l-parametri tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa.

Din l-osservazzjoni tapplika anke fejn il-kritika u kummenti tal-konvenut Joe Sammut fir-rigward ta' l-attur huma certament ibsin u cioè fejn b'analogja ghas-sitwazzjoni minnu trattata jsemmi l-kaz ta' zaghzugh li kien instab hati u inghata piena karcerarja effettiva ghal serq ta' curkett tad-deheb finta irrispettivament mill-fatt li l-valur tac-curkett kien negligibbli jekk mhux addirittura inezistenti u fejn jesprimi ruhu fis-sens li *minn din l-istorja ta' l-impjanti tat-tisfija tad-drenagg qeghdin johorgu litteralment intejjen kbar, bhalma hemm fil-bahar tal-Balluta llum, fejn xi snin ilu meta kien ministru responsabbli mid-drenagg, Michael Falzon mar jitbahbah biex jurina kif kien solva din il-problema. Illum ghaxieren ta' snin wara bqajna bl-istess*

---

[24] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2008, fol. 15 sa' 17 tal-process.

*problema ghas-semplici raguni li baqghu l-istess nies imexxu. Izda mid-drenagg qed tohrog ukoll riha qawwija ta' kunflitt ta' interess.*

Fl-ahhar mill-ahhar, kif già iktar 'l fuq osservat, huma principji guridici assodati in materja li *l-kritika ta' persuna, l-izjed jekk dik il-persuna tkun imdahla fil-qasam pubbliku, ma ssirx minnufih passibbli ghas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun wahda serja, oggettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun harxa u qawwija* u li *fil-qasam politiku, imbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna involuta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun "gust", ma taqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell.*

Minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Joe Sammut ghat-talba attrici huma gustifikati u b'hekk jisthoqq li jigu milqugha.

Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl ta' dan kollu appena osservat huma daqstant iehor gustifikati l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Ghirxi li *hu insenjament tal-gurisprudenza ta' l-ECHR illi l-politiku u min ikopri karigi pubblici (bhall-attur, Chairman ta' Korporazzjoni) huwa miftuh berah ghall-iskrutinju tal-pubbliku bl-operat tieghu mal-kariga li jkollu b'dana li tista taqbel jew ma taqbilx mal-kritika li ssir u l-fehma espressa* u li fl-agir tieghu ma kien hemm ebda *animus injuriandi* u ebda *malice*. Fir-rigward ta' din l-ahhar eccezzjoni partikolari jigi osservat li huwa principju guridiku assodat illi *l-animus iniuriandi huwa prezunt meta l-kliem li nghad huwa ingurjuz; imma din il-prezunzjoni hija iuris tantum li sservi biex tixhet fuq il-kwerelat il-piz tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-animus*. B'hekk ladrba jirrizulta li l-artikolu tal-konvenut Joe Sammut intitolat "Kunflitt Serju ta' Interess (KSI)" pubblikat fil-gurnal L-orizzont tas-17 ta' Settembru 2007 ma huwiex ingurjuz fil-konfront ta' l-attur, ma jistax jinghad li kien hemm *animus injuriandi* u *malice* fil-konfront ta' l-attur da parte la tal-konvenut Sammut u lanqas da parte tal-konvenut Ghirxi.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sollevati mill-konvenut Frans Ghirxi, tilqa' t-tielet u raba' eccezzjonijiet sollevati minnu u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut Joe Sammut u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**